- Meta huwa dovut il-pagament amministrattiv? *Il-ħlas amministrattiv huwa dovut meta tiġi nfurmat mill-Uffiċċju Konġunt jew l-Awtorita' tal-Artijiet. Għaldaqstant m'hemmx għalfejn isiru pagamenti mal-applikazzjoni.*

- Jekk is-somma tal-fidi ma tintlaħaqx minni, nista' nitlob għal rifużjoni fuq il-ħlas tal-applikazzjoni tiegħi? *Talbiet għal rifużjonijiet fuq ħlasijiet t'applikazzjoni m'humiex aċċettati.*

- L-applikazzjoni tiegħi hija trasferibbli f'każ li niddeċiedi li nbiegħ il-propjeta' waqt il-proċess tal-fidi? *Iva ġaladarba l-applikant il-ġdid jinforma lill-Awtorita' tal-Artijiet bl-intenzjonijiet tiegħu sabiex ikompli bl-applikazzjoni u jikkonferma illi l-propjeta' inkwistjoni ser tintuża għal skopijiet residenzjali u l-propjeta' ser tibqa r-residenza ordinarja tal-applikant*

- Sabiex napplika fl-iskema irrid inkun rikonoxxut bħala ċ-ċenswalista tal-propjeta' qabel nissottometti l-applikazzjoni tiegħi? *Applikanti li għandhom talba ta' rikonoxximent pendenti mal-Awtorita' huma eliġibbli sabiex japplikaw ġaladarba jipprovdu evidenza tat-talba inkwisjoni.*

- Jekk diġa applikajt mal-Awtorita' sabiex niġi rikonoxxut pero l-applikazzjoni tiegħi għadha pendenti, xorta nista' napplika? *Applikanti li għandhom talba pendenti għal rikonoxximent mal-Awtorita', jistgħu japplikaw xorta waħda taħt din l-iskema, filwaqt li jipprovdu evidenza tat-talba pendenti tagħhom għar-rikonoxximent.*

- Jekk jien applikajt fi skemi kif imħabbra mill-Awtorita' qabel din l-iskema u l-applikazzjoni tiegħi għadha pendenti, jenħtieġ illi napplika mill-ġdid? *Le. Ma hemmx għalfejn issir applikazzjoni oħra għall-fidi taċ-ċens temporanju impost fuq il-propjeta' tiegħek.*

- Iċ-Ċens impost fuq il-propjeta' tiegħi skada. Nista' napplika f'din l-iSkema? *Le. Applikazzjonijiet li fid-data tal-applikazzjoni, jkollhom iċ-ċens gravanti diġa' skadut m'humiex aċċettati*

- X'jiġri jekk diġa applikajt sabiex iċ-ċens jiġi estiż (prorogat)? *Tali applikazzjoni trid jiġi verifikata u kkunsidrata mill-Awtorita' qabel tiġi sottomessa l-applikazzjoni **SKEMA2019**.*

- Fl-eventwalita' lill-applikant jiġi nieqed waqt il-proċess tal-fidi, l-eredi tiegħu/tagħha (tfal / żwieġhom) huma eliġibbli li jkomplu bl-applikazzjoni tal-fidi? *Iva, ġaladarba il-propjeta' inkwistjoni ser tibqa tintuża bħala residenza ordinarja minn wieħed mill-eredi*

- Jekk propjeta' fejn ċens temporanju huwa mpost hija b'wirt bejn numru ta' persuni/ċenswalisti, huma eliġibli sabiex japplikaw f'din l-iSkema? *Iva ġaladarba il-propjeta' hija r-residenza ordinarja tal-anqas wieħed miċ-ċenswalisti u d-dokument tal-karta tal-identita' jidher fuq il-propjeta' inkwistjoni.*

- Garaxxijiet li jinfdu ma' residenzi / jew adjaċenti mal-propjeta' residenzjali tiegħi huma eliġibbli fl-iskema? *Iva, garaxxijiet li jinfdu jew adjaċenti jew joriġinaw mill-istess konċessjoni enfitwtika oriġinali huma eliġibli.*

- Riċentement xtrajt propjeta' li fiha ċens temporanju impost fuqa li ser tintuża bħala residenza ordinarja tiegħi pero' għadha fil-fażi ta' kostruzzjoni / manutenzjoni estensiva u għaldaqstant għadha m'hijiex abitabbli. Nista' napplika fl-iSkema? *Applikazzjonijiet fuq*

*propjetajiet li jintużaw bħala residenza ordinarja jew villeġjatura* ***<u>biss</u>*** *jistgħu japplikaw taħt din l-iSkema.*